



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

10.4.2014

B7-0346/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar it-tluq bikri mill-iskola

Silvia-Adriana Țicău

RE\1026717MT.doc

PE533.865v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tluq bikri mill-iskola

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropa 2020,
 - wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażaġh,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-tluq bikri mill-iskola huwa l-ostaklu ewlieni għall-iżvilupp individwali u jwassal għall-esklużjoni soċjali;
- B. billi, bħala medja, 12 % tal-istudenti fl-Ewropa u 25 % f'ċerti Stati Membri tal-UE jitolqu mill-iskola kmieni; billi l-Istrateġija Ewropa 2020 qed tipprova tnaqqas dan il-persentaġġ għal 10 %;
- C. billi hemm tendenza li l-istudenti li jitolqu mill-iskola kmieni jkunu ġejjin minn sfond anqas favorevoli;
1. Jenfasizza l-importanza tal-investiment fl-edukazzjoni u fil-programmi ta' mobilizzazzjoni għaż-żgħażaġh bl-għan li jitjiebu l-aċċettazzjoni u l-integrazzjoni sħiħa taż-żgħażaġh fis-soċjetà;
 2. Jistieden lill-Istati Membri jidentifikaw ir-raġunijiet għat-tluq bikri mill-iskola sabiex jiffaċilitaw miżuri biex jipprevjenu u jsolvu l-problema kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell lokali;
 3. Jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati miżuri u strateġiji fl-Istati Membri biex inaqqsu n-numru ta' studenti li jitolqu mill-iskola kmieni, fosthom finanzjament u servizzi ta' gwida u konsulenza għaż-żgħażaġh li jkunu ġejjin minn sfond anqas favorevoli.